# Sħaba sewda fl-istorja tal-provinċja OFMCONV ta' Malta



Patri Majjistru Antonio Buhagiar, li kien Ministru Provinċjal, marad u kellu jirreżenja mill-kariga fl-1927. Il-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni, P. Majjistru Alfonso Orlich, li aktar tard biddel kunjomu għal Orlini, kien ġie Malta darbtejn fis-sena 1925: f'Mejju u f'Ottubru. Dan ra li kienu jeżistu xi nuqqasijiet ta' dixxiplina f'xi patrijiet fejn jidħol il-partiġjaniżmu politiku. Wara r-riżenja tal-Provinċjal Buhagiar ħadd ma ried jidħol għal dik ir-responsabbiltà minfloku. Il-Ministru Ġeneral, wara talba ta' l-eks Provinċjal u xi patrijiet oħrajn, bagħat lejn Malta, b'seħħ mit-18 ta' April 1928, lil P. Felice Romolo Carta (1877-1945) bħala Kummissarju Ġenerali, bil-ħsieb li tinżamm id-dxxiplina fost il-patrijiet. Il-Ministru Ġeneral f'Ruma rċieva ittri fuq żewġ patrijiet partikulari li kienu jiffrekwentaw il-każini tal-Partit Kostituzzjonali, li tagħhom kienu diretturi spiritwali, wieħed għal dak tal-Belt u l-ieħor għal dak tar-Raħal il-Ġdid. Dawn kienu jaqdu spiritwalment lill-poplu u kienu maħbubin minn kulħadd, iżda minħabba l-politika, il-poplu wasal biex jibda jagħżel saċerdot minn ieħor. It-tnejn kienu jippritkaw f'diversi knejjes u wieħed minnhom ħalla xi kitbiet ta' xejra spirtwali u storika.

Patri Carta mill-bidu deher iebes fid-dixxiplina mal-patrijiet u hekk baqa' sa l-1940 meta ntemmet il-ħatra tiegħu. F'Malta kien maħbub u rrispettat mill-awtoritajiet reliġjużi u minn oħrajn. Ħa ħsieb ukoll biex issir il-konsagrazzjoni tal-knisja ta' San Franġisk tal-Belt f'Novembru 1928, wara li tlesta x-xogħol tat-tkabbir ta' dik il-knisja. Kien imqabbad jippritka bosta drabi, speċjalment lill-komunità Taljana... F'Lulju 1931 mexxa pellegrinaġġ minn Malta għas-santwarju ta' Sant'Antnin f'Padova.

Meta żdiedu r-rapporti, il-Ministru Ġeneral, minn Ruma, ordna lil Patri Gwido Micallef – wieħed mit-tnejn il-mixlija – imur fil-kunvent ta' Liverpool, l-Ingilterra, fejn kien hemm jaħdmu tliet patrijiet Maltin oħra. Dan kien lest li jobdi, iżda ftit wara rrifjuta li jmur, għalhekk kien sospiż *a divinis* – jiġifieri tneħħietlu l-fakultà li jqaddes u jqarar. Il-Ministru Ġeneral bidel l-ubbidjenza u ordnalu jmur Palermo. Patri Micallef aċċetta u kellu jiltaq fis-27 ta' Diċembru 1928. Għalhekk Patri Carta tah dokument li bih ħelsu mill-pieni li kien tah u faħħru għall-ubbidjenza tiegħu. Id-data tat-tluq inbidlet wara talba lill-Arċisqof – il-Gvernatur kien wieħed minn dawk li ressqu t-talba – u din kienet iffissata għat-2 ta' Jannar 1929. Iżda dakinhar tat-tluq Patri Micallef iltaqa' ma' Patri Carta u b'mod mill-aktar goff, irrifjuta li jħalli Malta. Il-Gvernatur tkellem ma' Patri Carta u wara li sema' x-xhieda tiegħu, qallu li l-ordinanza tat-28 ta' Diċembru 1928 neħħiet

il-ħtieġa tal-*boarding card* għal dawk li jkollhom isiefru. Din kienet l-arma użata minn Gerard Strickland u Augusto Bartolo biex ma jħallux lil Patri Micallef jitlaq minn Malta. Il-każ waqa' f'idejn il-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi u fis-17 ta' Frar 1929 Patri Micallef tkeċċa mill-Ordni tal-Franġiskani Konventwali. Id-digriet irċevieh l-Isqof u għaddieh lil Patri Micallef fl-14 ta' Marzu…

Augusto Bartolo kien ħabib personali kbir ta' Patri Gwido Micallef, għalhekk ħadha qatta bla ħabel kontra Patri Carta, u nistgħu ngħidu li miegħu ġibed lil Strickland. It-tnejn iddikjaraw gwerra miftuħa kontra dan is-superjur li ma għamel xejn ħlief id-dmir tiegħu. Riedu assolutament ikeċċuh minn Malta u qalgħu bosta insinwazzjonijiet kontrieh, iżda dawn ma kkonvinċew lil ħadd u l-battalja ħraxet. Bartolo wasal biex qal li jekk ma jitkeċċiex, huwa jirreżenja minn Ministru tal-Gvern. Akkużaw lil Patri Carta b'indħil politiku, li kien faxxista, li ma obdiex il-liġijiet tal-pajjiż bħalma huma dawk tal-posta, u li ma kellux l-approvazzjoni tal-Gvernatur biex joqgħod Malta. Il-każ tal-posta qam meta l-Oppożizzjoni Nazzjonalista akkużat lill-Gvern bi tbagħbis fil-posta, minħabba li xi ittri ta' xi individwi ma waslux fid-destinazzjoni tagħhom. Meta fil-gazzetta *Malta*… dehret kitba fuq dan is-suġġett, Dr. Enrico Mizzi, l-Editur, kien imħarrek u mtella' l-qorti. Fil-kawża quddiem l-Imħallef Luigi Camilleri, li saret f'Ġunju 1929, kienu mixlija Luigi Mazzone, viċi-Konslu Taljan, Enrico Mizzi u Patri Carta. L-Imħallef Camilleri ma sabx lil Mizzi ħati għax il-kitba fil-ġurnal ma kellhiex saħħa li tqajjem inkwiet fil-pubbliku.

Meta ma wasalx mal-Gvernatur biex ikeċċi lil Patri Carta, Strickland beda jikteb lill-Ambaxxatur tal-Vatikan u lill-awtoritajiet fl-Ingilterra minn wara dahar il-Gvernatur. Kemm il-Gvernatur kif ukoll l-Arċisqof ma kellhom ebda prova konkreta li Patri Carta kiser xi liġi tal-pajjiż jew tal-Knisja, għalhekk ma qablux ma' Strickland u ma' Bartolo. Dawn qalu li Patri Carta kien qiegħed imexxi propaganda favur l-Italja u li kien iebes iżżejjed ma' xi reliġjużi li kellhom sentimenti Ingliżi. Il-Gvernatur ipprotesta kontra Strickland, għax f'dan il-każ talab l-intervent tal-Vatikan meta huwa għamel li seta' biex isolvi l-każ hawnhekk. Bdiet għaddejja korrispondenza bil-moħbi ta' xulxin. Strickland beda jilgħabha ta' Kattolku Ruman, iżda fuq dan tilef kull kredibbiltà.

Il-Vatikan kien infurmat b'kollox u fuq l-azzjonijiet ta' kulħadd. Iżda l-awtoritajiet tal-Vatikan ħarsu lejn il-każ bħala wieħed ta' dixxiplina normali fost ir-reliġjużi u opponew lil min qal li Patri Micallef kien sa jkun "eżiljat". Dan kien sempliċement każ ta' "trasferiment", kif fisser Patri Carta meta qal li hu ma kellux setgħa jibgħat patri ta' Provinċja, bħalma hi dik ta' Malta, fi Provinċja oħra, bħalma hi dik ta' Sqallija. Dan jista' jagħmlu biss il-Ministru Ġenerali li jmexxi l-Ordni kollu… Dan il-każ żied fid-doża tal-firda bejn il-Gvern ta' Malta u l-Knisja…

L-Isqof għamel minn kollox biex jikkalma s-sitwazzjoni, anzi wissa lil tliet Ministri tal-Gvern biex lil Patri Carta ma jmissuhx. Aktar tard, iżda, Bartolo insista li l-każ jitkompla… Il-kawża ntefgħet *sine die*. L-insulti kontra Patri Carta minn ċerti ġurnali, speċjalment dawk li kienu jappartjenu lil Strickland u lil Bartolo, u oħrajn bħal *Ix-Xemx* u *Dr. Xechech*, ma naqsux. Fihom Patri Carta ssejjaħ *"l-iskart tal-kleru ta' Sardenja; iż-żibel tal-kleru Taljan; ħalliel; wieħed li jieħu l-ġuramenti foloz."*

Il-każ twal u kompla jinfirex għax xejn ma rnexxielu jbiddel il-fissazzjoni ta' moħħ Strickland u Bartolo. Meta dawn raw li f'xi mumenti bdew jitilfu l-art fl-Ingilterra, Strickland kiteb diversi drabi lil Kardinal Bourne, li kien iqisu b'ħabib tiegħu. Riedu jindaħal hu biex Patri Carta jitlaq jew jittellaq minn Malta…

Bartolo beda jieħu inizjattivi minn rajh bla ma jinforma lil ħadd, għalhekk beda jitlef il-fiduċja ta' sħabu u ħareġ bil-*leave* fis-16 ta' Novembru 1929 u dam qrib tliet xhur. Il-Gvernatur qal li fil-mument Bartolo kien sejjer lura f'saħħtu, iżda oħrajn qalu li dan sar minħabba n-nuqqas ta' ftehim ma' sħabu fuq Patri Carta…

Carta kien joħroġ minn Malta meta jrid u ħadd ma żammu milli jerġa' jidħol. Fid-28 ta' Mejju 1930 mar Assisi għall-Kapitlu Ġenerali u reġa' lejn Malta fil-15 ta' Lulju. Il-*Chronicle* (ġurnal ta' Bartolo) qal li aktarx ma jirritornax. L-istorja wriet għal darb'oħra li l-ħati u l-innoċenti bidlu posthom. Patri Carta kien ikkonfermat fil-kariga tiegħu mill-Ministru Ġenerali fil-11 ta' Lulju 1930 u fil-11 ta' Ġunju 1932 reġa' kien ikkonfermat superjur għal Malta u Sardenja. Baqa' jkun ikkonfermat sat-2 ta' Lulju 1936 u temm il-kariga tiegħu fis-6 ta' Settembru 1940, meta ntbagħat superjur fil-Provinċja ta' l-Abruzzi, fl-Italja, fejn miet fit-8 ta' Awwissu 1945 fil-għomor ta' 68 sena.



Sir Augustus Bartolo.
(Pittura ta' Edward Caruana Dingli)



Lord Gerald Strickland



P. Felice Romolo
Carta OFMConv

***Fr. Joe Calleja***
*Silta meħuda u adattata mill-ktieb:*
***"Augustus Bartolo Ġurnalist, Politiku, Imħallef (1883-1937)"***